# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 61/2017/1 JVC**

**Anthony Mario Vella, martu Carmen Vella u binthom Vanessa Vella**

**v.**

**Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali u l-Avukat Generali gie kjamat fil-kawza b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2017 u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2018 giet kjamata in kawza l-HSBC Bank Malta plc**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tal-appell ta' Anthony Mario Vella, Carmen Vella u Vanessa Vella tas-6 ta' Mejju 2020 mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tat-12 ta' Marzu 2020 permezz ta' liema talbu

lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' it-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti;

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat tat-13 ta' Mejju 2020 permezz ta' liema talab illi dan l-appell jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti;

3. Rat ir-risposta tal-Bank kjamat in kawza HSBC Bank Malta plc tat-28 ta' Mejju 2020 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata *in toto,* bl-ispejjez kontra l-appellanti.

4. Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

5. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

6. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tat-12 ta' Marzu 2020 permezz ta' liema gie deciz illi:

> "Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali kif isegwi:
>
> "1. Tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali li huwa mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> "2. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni mqajjma mill-Avukat Generali bhala sorvolata stante l-kjamata fil-kawza tal-HSBC Bank Malta plc.;
>
> "3. Tghaddi sabiex tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet kollha mqajjma mill-Avukat Generali u l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza HSBC

> Bank Malta plc u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.
>
> "Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."

**Ikkonsidrat**

7. Illi dawn il-proceduri kostituzzjonali jirrigwardaw ilment maghmul mill-appellanti illi ma nghatawx smigh xieraq fil-proceduri li kienu gew decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, liema decizjoni kienet giet sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, fil-kawza fl-ismijiet HSBC Bank Malta v. Anthony Mario Vella et, bin-numru ta' referenza 28/2010JA. F'dawn il-proceduri l-Bank appellat kien qieghed jitlob l-izgumbrament tal-appellanti mill-mezzanin bl-isem 'Walnut Grove' fi Triq Tumas Fenech, Qormi u l-garaxx maghruf bhala 'Jonathan', ukoll fi Triq Tumas Fenech, Qormi permezz ta' proceduri sommarji fuq il-kawzali illi l-appellanti Vella kienu qeghdin jokkupaw dawn il-proprjetajiet minghajr titolu. Il-lanjanza principali tal-appellanti fir-rigward ta' dawn il-proceduri hija illi l-Bank appellat kien ghamel dikjarazzjoni ghan-nom taz-zewg partijiet fl-assenza tal-appellanti illi l-partijiet ma kellhomx aktar provi x'jipproducu u ghalhekk il-Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghas-sentenza. Skont huma, dan wahdu jwassal ghal ksur tal-jedd taghhom ghal smigh xieraq. Illi ghalhekk l-appellanti talbu lil Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex:

> "1. Tiddikjara li fil-konfront tal-esponenti, gew vjolati l-jeddijiet protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari l-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani;
"2. Taghti r-rimedji li jidhrilha opportuni;
"3. Tillikwida l-kumpens dovut ghal tali vjolazzjoni u d-danni sofferti mill-esponenti, u konsegwentement tordna l-hlas tal-istess ammont likwidat lill-esponenti;
"4. Taghti lill-esponenti l-fakulta sabiex jressaq il-provi tieghu halli il-kawza tigi deciza fuq il-provi imressqa.
"Bl-ispejjez."

8. Illi l-Ewwel Qorti cahdet it-talbiet kollha tal-appellanti wara illi ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet fil-mertu:

"Illi fil-mertu tal-lanjanza kostituzzjonali odjerna jirrizulta lil din il-Qorti li l-istess aggravju tqajjem mir-rikorrenti odjerni fl-atti tal-appell bin-numru 28/10 u gie deciz minn dik l-Onorabbli Qorti. Fil-fatt ir-rikorrenti fit-tieni aggravju taghhom fl-appell ilmentaw li ma nghatawx il-fakulta li jressqu l-provi taghhom quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-istess aggravju jaghmlu referenza ghall-verbal in kontestazzjoni fir-rikors odjern u cioe' dak tal-25 ta' Gunju 2012 fejn isostnu li l-Ewwel Qorti strahet fuq dikjarazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-bank appellat fis-sens li l-partijiet kienu lesti mill-provi taghhom. Tant l-appell kien ibbazat fuq dan il-punt li t-talba tal-konvenuti appellanti llum rikorrenti kienet appuntu sabiex l-atti jintbaghtu lura quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti biex jinstemghu il-provi taghhom.

"Illi kif gia kkonstatat din il-Qorti, mix-xiehda tar-rikorrent fl-atti odjerni, dawn huma wkoll il-lanjanzi tieghu fil-proceduri odjerni fejn qed isostni li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghaliex skont hu ma thalliex jixhed u ma thalliex iressaq provi filwaqt li l-kawza giet differita ghad-decizjoni.

"Illi din il-Qorti kkonstatat ukoll minn qari tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn fuq riportata li dik l-Onorabbli Qorti dahlet ferm fl-aggravju tal-konvenuti appellanti (illum rikorrenti) tant li ghamlet l-istess ezercizzju li gia ghamlet din il-Qorti f'din id-decizjoni aktar il' fuq u cioe' rreferiet verbal wara verbal ghal dak li gara matul il-proceduri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. L-Onorabbli Qorti tal-Appell dahlet fl-analizi tad-dritt tas-smigh xieraq tal-partijiet f'kawza izda waslet ghall-konkluzjoni li l-aggravju tal-konvenuti appellanti (illum rikorrenti) ma kienx gustifikat u ghaddiet sabiex tichad l-istess bir-ragunijiet principali moghtija jkunu kif isegwi:

"1. Illi l-konvenuti appellanti kienu skorretti li jibbazaw l-argument taghhom fuq dak li suppost kien qed jigi intiz bejn il-partijiet izda mhux imnizzel fil-verbali tal-Qorti;

"2. Illi huma l-verbali tal-Qorti li jirregolaw l-andament tal-kawza u mhux dak li suppost huwa intiz tant li kkonkludiet li fl-ebda mument ma kien hemm ebda talba wisq anqas ordni mill-Qorti ghas-soprasessjoni taghha pendenti l-kawza l-ohra ntavolata mill-konvenuti;

"3. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet tat ampja opportunita' lill-konvenuti sabiex iressqu l-provi tant li kienu gew invertiti l-provi u fil-fatt il-konvenut kien sahansitra taha x-xiehda tieghu fil-proceduri;

"4. Illi ghalkemm inghataw diversi differimenti sabiex il-konvenuti (rikorrenti odjerni) jressqu l-provi kollha taghhom dawn ma ghamluhx. L-istess gara filwaqt li ghal diversi drabi l-kawza giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom;

"5. Illi kien nuqqas tal-istess konvenuti li naqsu li jattendu diversi drabi ghas-smigh tal-kawza filwaqt li emfasizzat li kull parti f'kawza ghandha d-dmir li ssegwi l-kawza b'diligenza u tottempera ruhha mal-verbali u digrieti;

"6. Illi xejn ma jiggustifika li l-konvenuti, nonostante li minn meta l-kawza giet differita ghad-decizjoni sad-data tad-decizjoni ghaddew aktar minn erba' xhur (4) huma naqsu milli almenu jintavolaw rikors sabiex l-Ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tad-decizjoni.

"7. Illi kull parti ghandha d-dritt fundamentali ta' smigh xieraq billi ghandha tinghata l-opportunita adegwata li tressaq il-provi taghha izda emfassizzat ukoll li l-istess dritt fundamentali jesigi li l-kawzi jinqatghu minghajr dewmien irragonevoli.

"Illi fic-cirkustanzi suesposti l-Qorti taghmel referenza ghat-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Avukat Generali fejn appuntu jsostni li din il-Qori fil-mansjoni Kostituzzjonali taghha hija kompetenti biss sabiex tiddeciedi jekk gewx lezi xi drittijiet fundamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u mhux li tirrevedi d-decizjonijiet tal-Qrati l-ohra sabiex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi sewwa jew le u tagixxi ta' terzo appello.

"Ikkonstatat ukoll illi fir-raba' talba taghhom ir-rikorrenti odjerni qed jitolbu appuntu li din il-Qorti tordna li jithallew iressqu l-provi li qed isostnu li suppost thallew iressqu fil-kawza deciza 28/10.

"Din il-Qorti in vista tal-konstatazzjonijiet kollha suesposti ma ghandha l-ebda dubju li dak qed jittentaw jaghmlu r-rikorrenti odjerni permezz tar-rikors taghhom huwa li jergghu jappellaw terzo appello minn dak deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha tat-18 ta' Lulju, 2017 b'tentattiv ahhari li

> jkomplu jtawwlu ulterjoment proceduri li nghataw bidu lura fis-sena 2010 u dan b'detriment se mai ghad-dritt ta' smigh xieraq tal-kontroparti Bank u mhux tar-rikorrenti stante li d-dritt ta smigh xieraq kif inghad jesigi wkoll li l-kawzi jinqatghu minghajr dewien irragonevoli.
>
> "Illi din il-Qorti jidhrilha wkoll mill-assjem kollu tal-atti kemm dawk odjerni u dawk annessi (u mhux biss mill-qari tal-verbal uniku identifikat mir-rikorrenti odjerni bhala l-bazi tal-lanjanza taghhom) illi r-rikorrenti odjerni fil-proceduri in kontestazzjoni nghataw diversi opportunitajiet li jressqu l-provi taghhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u l-fatt li huma waqqfu hesrem milli jkomplu jressqu l-provi taghhom tant li lanqas baqghu jindenjaw jattendu ghas-smigh tal-kawza zgur ma jistax jitqies bhala xi lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq izda tali nuqqas se mai jista' biss jitqies unikament bhala nuqqas tal-istess rikorrenti odjerni u ta' hadd aktar. In oltre n-nuqqas da parti taghhom li almenu wara li l-kawza giet differita ghad-decizjoni jintavolaw talba ghas-sospensjoni tad-decizjoni, li sahansitra nghatat mill-anqas erba' (4) xhur wara, jrendi n-nuqqasijiet tal-istess rikorrenti (konvenuti fl-atti in kontestazzjoni) aktar gravi u grossolani fil-fehema ta' din il-Qorti u li certament ma jiggustifikawx il-pretensjoni taghhom ta' lezjoni tad-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq.
>
> "Ghaldaqstant in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ilment kositituzzjonali odjern."

9. Illi l-aggravju principali tal-appellanti huwa fis-sens illi l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni zbaljata peress illi bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq xi haga lil hinn mit-talba taghhom, li kienet msejsa fuq il-fatt illi l-Bank appellat ghamel dikjarazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-proceduri mertu ta' din il-kawza illi l-partijiet ma kellhomx aktar provi xi jressqu fl-assenza tal-appellanti. Huma jargumentaw illi din id-dikjarazzjoni kienet falza u saret b'ingann u b'malizja u stradat lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili hazin ghad-dannu tal-appellanti. Jargumentaw illi ghalkemm setghu kienu ftit disilungati fl-attitudni taghhom, il-Qorti

setghet halliet il-kaz ghall-ahhar darba ghall-provi tal-attur jew imissha tat data ghall-provi tal-konvenut, u mhux halliet il-kawza ghas-sentenza minghajr ebda provvediment.

10. Illi l-Avukat tal-Istat wiegeb illi l-azzjoni tal-appellanti ma kinitx immirata sabiex jigi ddeterminat jekk il-Bank ghamilx dikjarazzjoni falza izda sabiex jigi determinat jekk l-appellanti sofrewx ksur tad-dritt fondamentali taghhom ghal smigh xieraq. Jargumenta illi skont il-gurisprudenza, sabiex jigi ddeterminat jekk kienx hemm ksur ta' smigh xieraq ghandu jittiehed kont tal-process kollu u mhux ta' bicca wahda biss minn process gudizzjarju shih. L-Avukat tal-Istat isostni illi meta wiehed iqis l-atti kollha tal-kaz wiehed ma jistax jasal ghall-konkluzjoni illi l-appellanti sofrew ksur tal-jedd taghhom ghal smigh xieraq ghaliex indipendentement mid-dikjarazzjoni maghmula mill-Bank fil-verbal tal-25 ta' Gunju 2012 l-appellanti kellhom zmien twil bizzejjed jekk riedu jressqu l-provi taghhom. Josserva illi l-appellanti kienu donnhom ma tawx aktar kaz tal-kawza ikkonsidrat illi la huma u lanqas l-avukat taghhom ma dehru ghall-ebda seduta wara t-3 ta' Gunju 2011, u osserva wkoll illi l-appellanti ma ressqu l-ebda rikors ghall-korrezzjoni tal-verbal tal-25 ta' Gunju 2012 jew ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minkejja li ghaddew erba' xhur bejn is-seduta tal-25 ta' Gunju 2012 u s-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012 meta kienet inghatat is-sentenza. Huwa jsostni illi huwa rrelevanti jekk gietx zvijata jew le l-Qorti, ghaliex dak li jghodd huwa li l-

appellanti kellhom hafna opportunitajiet biex iressqu l-provi taghhom izda huma ghazlu li ma jinqdewx bihom ghaliex lanqas biss dehru ghas-seduti quddiem il-Qorti.

11. Illi l-Bank kjamat in kawza cahad illi huwa mexa b'xi mod qarrieqi jew ta xi informazzjoni falza, izda sostna illi fi kwalunkwe kaz l-Ewwel Qorti ma setghetx tibbaza s-sentenza taghha fuq verbal uniku indikat mill-appellanti. Argumenta illi m'huwiex minnu illi l-Ewwel Qorti sejset id-decizjoni taghha fuq xi binarju hazin ghaliex kienu l-appellanti stess illi stradaw il-kawza kostituzzjonali a bazi ta' ilment ta' ksur tal-jedd ta' smigh xieraq illi ma jistax ikun ibbazat biss fuq xi nuqqas ta' parti f'kawza. Il-Bank appellat sostna wkoll illi jidher car mill-verbali tas-seduti illi l-appellanti kienu inghataw kull opportunita` sabiex jiddefendu l-kaz li fih gew citati u kellhom seba' seduti sabiex jipprezentaw il-provi taghhom u ghalhekk ma jistghux jilmentaw illi gie lez id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq meta huma naqsu milli jezercitaw dik id-diligenza ta' *bonus paterfamilias.* Argumenta wkoll illi d-dritt ta' smigh xieraq jesigi illi l-kawzi jinqatghu minghajr dewmien irragjonevoli u ghalhekk il-Qorti kienet pjenament iggustifikata li tippronunzja sentenza minghajr telf ta' zmien ghaliex mhux lecitu illi non-kuranza ta' parti tippregudika d-drittijiet tal-kontro-parti. Il-Bank appellat isostni wkoll illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkummentat illi dawn il-proceduri huma biss tentattiv ahhari biex l-

appellanti jkomplu jtawlu ulterjorment proceduri li nghataw bidu lura fis-sena 2010 u li ghalhekk dan l-appell huwa frivolu u vessatorju.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

12. Illi l-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa minnu illi d-dikjarazzjoni illi l-partijiet ma kellhomx aktar provi ma kelliex tigi vverbalizzata fl-assenza ta' xi hadd minn dawk il-partijiet, u illi l-Bank appellat ma kellu l-ebda dritt illi jaghmel dik id-dikjarazzjoni. Illi pero`, dan ma jfissirx awtomatikament illi l-appellanti sofrew ksur tal-jedd taghhom ghall-smigh xieraq. Dan mhux biss ghaliex determinazzjoni dwar jekk individwu sofriex ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq issir "*in the context of the fairness of the hearing as a whole*",[1] izda wkoll ghaliex mill-provi huwa car illi li kieku l-appellanti uzaw id-diligenza rikjesta fil-proceduri gudizzjarji msemmija dan in-nuqqas kien jigi evitat.

13. Illi l-Qorti tqis illi jkun utli hawn illi jsir riassunt tal-proceduri li dwarhom qed isir l-ilment:

i. Fis-seduta tat-30 ta' April 2010 Anthony Mario Vella deher mhux assistit, u l-Qorti kienet ikkoncedietlu zmien sabiex jipprezenta risposta guramentata, minkejja l-fatt illi dawn

[1] **Ankerl v. Switzerland** (QEDB, 23/10/1996). Ara wkoll, *inter alia,* **Centro Europa 7 Srl and Di Stefano v. Italy** (QEDB, 07/06/2012); **Regner v. The Czech Republic** (QEDB, 19/09/2017).

kienu proceduri sommarji, u kienet iddifferiet is-smigh ghal-5 ta' Lulju 2010;

ii. Fit-18 ta' Mejju 2010 l-appellanti pprezentaw ir-risposta guramentata taghhom, fejn giet kontestata biss il-pretensjoni tal-Bank fir-rigward ta' Vanessa Vella li skont il-partijiet kellha dritt tirrisjedi fil-fond in kwistjoni a bazi ta' kirja li kienet saret fis-sena 2005 mill-genituri taghha Anthony Mario Vella u Carmen Vella;

iii. Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2010 il-konvenut kien deher minghajr l-avukat difensur tieghu u ghalhekk ma kien sar xejn;

iv. Fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2010 il-konvenut kien rega' deher minghajr l-avukat tieghu, u in vista tal-eccezzjoni illi Vanessa Vella kienet qed tokkupa l-fond in kwistjoni a bazi ta' titolu ta' kera, il-Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghal provi kollha tal-konvenuti ghall-14 ta' Frar 2011;

v. Is-seduta tal-14 ta' Frar 2011 kienet giet differita fuq talba tal-konvenuti ghaliex Anthony Mario Vella kellu appuntament mediku;

vi. Is-seduta tal-1 ta' April 2011 kienet ukoll giet differita fuq talba tal-konvenuti, din id-darba ghaliex Anthony Mario Vella kellu jattendi kors dakinhar;

vii. Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2011 kien xehed Anthony Mario Vella;

viii. Fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2011 il-konvenuti kienu esebew kopja tar-rikors guramentat li kienu pprezentaw kontra l-Bank attur sabiex jattakkaw il-proceduri ta' subbasta permezz ta' liema il-proprjetajiet in kwistjoni kienu gew liberati favur il-Bank, u l-kawza kienet giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom;

ix. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 la l-konvenuti u lanqas l-avukat taghhom ma dehru, u l-Qorti giet informata mill-attur illi l-kawza intavolata mill-konvenuti kienet thalliet ghas-sentenza, u s-seduta regghet giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom;

x. Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2012 il-konvenuti u l-avukat taghhom regghu ma dehrux, u l-kawza giet differita sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom;

xi. Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2012 il-konvenuti u l-avukat taghhom baqghu ma dehrux u l-kawza giet differita ghall-informazzjoni ulterjuri wara illi l-atturi informaw lill-Qorti illi kien sar appell mis-sentenza li nghatat fil-kawza msemmija;

xii. Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012 il-konvenuti u l-avukat taghhom wkoll naqsu milli jidhru u l-Bank attur informa lill-

Qorti illi l-partijiet huma lesti mill-provi u l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza;

xiii. Fid-29 ta' Ottubru 2012 il-konvenuti u l-avukat taghhom regghu ma dehrux, u nghatat sentenza.

14. Illi minn dan ir-riassunt jirrizulta illi fil-hdax-il seduta li nzammu bejn in-notifika tal-intimati u l-ghoti tas-sentenza, l-appellanti u/jew l-avukat difensur taghhom dehru biss hames darbiet. F'dawn il-hames darbiet, tliet darbiet ma sar xejn ghaliex il-konvenuti dehru minghajr l-avukat taghhom. Il-Qorti tosserva illi fl-ewwel dehra wara n-notifika il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet tat lill-konvenuti l-possibilita` illi jipprezentaw risposta guramentata minkejja l-fatt illi l-kawza kienet sommarja u ghalhekk il-Qorti kellha kull dritt illi taqta' il-kawza kontra l-konvenuti dakinhar stess fl-assenza ta' prova *prima facie* illi huma kellhom difiza xi jressqu kontra l-pretensjonijiet tal-Bank attur. Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm id-difiza tal-appellanti kienet fis-sens illi Vanessa Vella kienet qeghda tokkupa l-mezzanin in kwistjoni a bazi ta' titolu validu ta' kera, l-ebda skrittura ta' kera ma kienet giet prezentata minnhom quddiem il-Qorti fiz-zmien ta' aktar minn sentejn illi ghaddew bejn in-notifika taghhom u s-seduta meta l-Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghas-sentenza. Il-Qorti tosserva wkoll illi fil-25 ta' Gunju 2012 meta l-kawza kienet giet differita ghas-sentenza, l-appellanti kienu ilhom ma jidhru, jew imqar jipprezentaw provi dokumentarji fir-registru, sa minn Ottubru 2011. Illi ghalhekk huwa

manifest illi l-appellanti ma kinux qeghdin juzaw id-diligenza rikjesta minnhom fil-proceduri gudizzjarji li kienu gew intavolati kontra taghhom mill-Bank appellat. Il-Qorti tfakkar illi huwa d-dmir tal-partijiet f'kawza illi jiehdu hsieb iharsu l-interessi taghhom fil-kawza billi jsegwu l-andament tal-kawza u jaraw illi jipproducu l-provi taghhom minghajr dewmien irragjonevoli. F'dan il-kaz, huwa car illi l-appellanti nghataw opportunita` ampja sabiex iressqu d-difiza taghhom quddiem il-Qorti izda huma naqsu milli jaghmlu uzu minn kwazi kull opportunita` moghtija lilhom ghal ragunijiet li huma mputabbli lilhom biss.

15. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Zubac v. Croatia** (QEDB, 05/04/2018):

> "…*procedural rights will usually go hand in hand with procedural obligations. The Court would also stress that litigants are required to show diligence in complying with the procedural steps relating to their case (see, Bąkowska v. Poland, no. 33539/02, § 54, 12 January 2010; see also, mutatis mutandis, Unión Alimentaria Sanders S.A. v. Spain, 7 July 1989, § 35, Series A no. 157)*."

16. Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi l-verbali tal-Qorti u d-dati tad-differimenti huma pubblikament u facilment accessibli kemm ghall-avukati u kif ukoll ghall-partijiet u terzi persuni mis-sit elettroniku. Illi ghalhekk m'hemm l-ebda gustifikazzjoni ghan-nuqqas tal-appellanti illi jidhru ghas-seduti quddiem il-Qorti, jew imqar jidher l-avukat difensur taghhom. Inoltre l-verbal illi dwaru qeghdin jilmentaw l-appellanti kien ukoll accessibli ghalihom mill-istess sit elettroniku, u huma kellhom erba' xhur shah sabiex jiehdu dawk il-passi necessarji biex jigi korrett dan il-verbal u

sabiex jitolbu s-sospenzjoni tal-prolazzjoni tal-ghoti tas-sentenza, izda dan baqghu m'ghamluhx u ghalhekk *imputet sibi*.

17. Illi hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Avotins v. Latvia** (QEDB, 23/05/2016) fejn gie deciz illi:

> "*Having omitted to obtain information on the subject, he contributed to a large extent, as a result of his inaction and lack of diligence, to bringing about the situation of which he complained before the Court and which he could have prevented so as to avoid incurring any damage (see, mutatis mutandis, Hussin v. Belgium (dec.), no. 70807/01, 6 May 2004, and McDonald, cited above)*."

18. Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Zubac v. Croatia,** supra citata, il-Qorti Ewropeja kienet ikkonkludiet illi l-izball kommess mill-Qorti kien imputabbli lill-applikant u ghalhekk ma kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigh xieraq ghaliex:

> "…*the applicant, who was legally represented in the domestic proceedings, had failed to use the necessary diligence when seeking to increase the value of the dispute in a manner not consistent with the requirements of domestic law. The procedural errors could have been avoided from the outset, and given that they are mainly and objectively imputable to her, the adverse consequences of those errors rest on the applicant*."

19. Illi inoltre l-Qorti rat illi jirrizulta mix-xhieda in kontro-ezami tal-appellant Anthony Mario Vella illi huwa kien midhla sew tal-proceduri gudizzjarji ghaliex skont ix-xhieda tieghu waqt illi kienet ghaddejja l-kawza mertu ta' dawn il-proceduri kellu bejn hmistax jew ghoxrin kawza ohra ghaddejjin (*fol.* 81 – 82). Ghalhekk *multo magis* din in-non-kuranza da parti taghhom hija ngustifikabbli.

20. Illi ghalhekk din il-Qorti tqis illi s-sentenza appellata hija gusta u ghandha tigi kkonfermata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Anthony Mario Vella, Carmen Vella u Vanessa Vella tas-6 ta' Mejju 2020 fl-intier tieghu, u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha jithallsu mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R Micallef<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr